MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 186/1998/1

**Ronald Putt**

**vs**

**Mario Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat prevja illi jigi dikjarat illi l-konvenut ikkommetta spoll fir-rigward tal-hajt divisorju bejn proprieta' tal-attur u dik tal-konvenut, li jigi kkundannat jirripristina l-hajt komuni fl-istat originali tieghu qabel dan ma twaqqa' mill-konvenut sabiex il-konvenut itella' wiehed oghla, kif ukoll li tigi kkonfermata t-talba maghmula fil-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat mal-avviz tal-kawza sabiex il-konvenut jiddesisti milli jkompli x-xogholijiet fuq il-fuq imsemmi hajt divisorju.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-Ittra tat-13 ta’ Mejju 1997 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa:-

Illi preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi fil-mertu, l-eccipjenti ma kkommetta l-ebda spoll.

Illi x-xoghlijiet saru taht supervizjoni ta’ perit.

Illi l-mandat ta‘ inibizzjoni prezentat mal-avviz promottur (Inib 223/98P1(MM)) gie debitament michud minn din l-Onorabbli Qorti b’digriet taghha tad-9 ta’ Frar 1998.

Kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjez mhux sostenibbli t-talba attrici ghall-kundanna ta’ hlas ta’ spejjez relattivi ghal ittra legali mhux debitament intaxxata.

Salvi eccezzjonjiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-28 ta’ Frar 2000 (fol 12 et seq ibid) u li biha giet decisa l-eccezzjonijiet preliminari sollevata mill-konvenut dwar il-kompetenza o meno ta’ din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, meta xehed a fol 18 et seq ibid spjega illi fit-28 ta’ Jannar 1998 ghall-habta tas-7.30a.m. kien ra lill-konvenut u xi haddiema waqt li dawn kienu qed jwaqqghu <u>il-hajt divisorju</u> bejn il-gnien tieghu u dak tal-konvenut u li hu sitwat fuq in-naha ta‘ quddiem tad-djar rispettivi. Dan

il-hajt divisorju, min fuq ir-ritratt enumerat "wiehed (1)" formanti parti mir-ritratti esebiti mill-istess atturi a fol 21, kien "two stones high" ossija zewg filati. Hawnhekk il-konvenut kien informah illi, ghal xi raguni injota, kien ser jwaqqa' l-istess hajt, kif filfatt ghamel. Eventwalment u in rigward l-istess hajt divisorju, fi kliem l-istess attur, il-konvenut "built something else" ossija "…. He also put up the partition wall half the size as it was before since he had cut the stones in half. On my side, the defendant did not raise another wall higher than the one before" (In rigward dan, ara r-ritratt enumerat "tnejn (2)" formanti parti mill-istess ritratti a fol 21 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> (fol 31 et seq ibid) jsostni illi l-istess hajt, fuq in-naha tal-attur baqa' intatt waqt li fuq, in-naha tieghu, kien zdied bi tlett filati. Difatti, bhala hxuna, il-hajt kien baqa' l-istess ossija disa' pulzieri b'kollox, erba' pulzieri u nofs fuq kull naha. Illi gie prodott il-<u>Perit Arkitett Joseph Zerafa Boffa</u> (fol 26 et seq ibid) li kien inkarigat mill-istess konvenut sabiex ix-xoghol li sar fuq l-istess hajt divisorju, jigi esegwit taht is-supervisjoni tieghu. Dan ix-xhud sostna li ma kienx minnu li tnehha l-hajt kollu. Li gara' kien li l-gebla ta' fuq giet maqtugha fi tnejn u fuq iz-zewg filati originali, nbnew tlieta ohra. In sostenn ta' dan hu esebixxa r-ritratti annessi mal-atti a fol 30. Jigi notat li gie esebit mix-xhud il-permess relattiv mahrug mill-awtorita' kompetenti (ara fol 29 ibid). Ix-xhud spicca biex qal illi sostanzjalment, il-hajt baqa l-istess bl-istess qisien izda oghla.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-istess avviz, l-avviz in esami trattasi ta' kawza ta' Spoll skond l-artikolu 535 (1) (2) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jispecifika li persuna ghandha azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll f'kaz li dan <u>bi vjolenza jew klandestinament,</u> jnezza mill-<u>pussess jew detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli</u>, l-istess persuna, u dan anke jekk l-awtur jkun is-sid tal-istess haga. Hawnhekk, kif sottolineati, jinsabu l-elementi kostituttivi tal-azzjoni in

desamina. Dwar dawn, ghandu jinghad li, sa ftit ilu, l-Qrati, f'diversi sentenzi kienu irritjenew illi hu rikjest ukoll l-"animus spoliandi". Pero, din l-Qorti tara', li tali intenzjonalita' ma hix rikjesta f'kawzi ta' spoll. Difatti fl-istess artikolu citat ma hemmx specifikat li hemm rikjest "animus spoliandi" da parti tal-awtur tal-ispoll.

Illi dan premess u b'referenza ghal kaz in desamina, ma rrisultax mill-provi prodotti li, b'xi mod , il-konvenut agixxa b'mod vjolenti jew bil-mohbi. Ghalhekk fin-nuqqas ta'dan ma hemmx lok sabiex wiehed jara jekk l-attur giex mnezza o meno mid-detensjoni tal-hajt divisorju bejn zewg gonna, li, skond il-ligi hu presunt li hu komuni (ara l-artikolu 410(1) tal-Kodici Civili kif ukoll l-istess avviz). Ta' min jghid ukoll "obiter" li kull propjretarju ta' hajt komuni ghandu d-dritt li jgholli l-livell tieghu skond kif stipulat fl-artkolu 414 tal-istess Kodici.

Illi ghalhekk dak mitlub fl-avviz in esami ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

-------------------------------TMIEM-------------------------------